

Il-Ħamis 9 ta' Settembru 2010

20. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tagħmel kull sforz possibbli biex tiżgura li jkun hemm standards aċċettabbli tal-kura tas-saħħa għaċ-ċittadini Ewropej kollha, ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi materjali tagħhom;
21. Jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni, peress li l-popolazzjoni tal-UE qiegħda tixjeh fl-oqasma kollha, biex isegwu kull forma ta' kooperazzjoni bil-ħsieb li jfasslu sistemi ta' finanzjament sostenibbli għall-provvediment tal-kura fit-tul sabiex jiżguraw li fil-ġejjieni jkun hemm fis-seħħ sistema sostenibbli li tiffinanzja l-provvediment tal-kura għall-anzjani u li s-servizzi tal-kura meħtieġa jkunu disponibbli;
22. Jitlob li jsir skambju tal-aħjar Prattiki ħalli jinstabu l-aktar modi effikaċi biex jiġu żviluppata r-relazzjonijiet interġenerazzjonali, sabiex jiżdied l-involvement tal-membri tal-familja fl-arranġamenti tal-kura fit-tul, li għandhom jirriżultaw f'għadd ta' benefiċċji u jippermettu li l-ħtiġijiet individwali ta' dawġ li jirċievu l-kura tas-saħħa jiġu ssodisfati b'iżjed suċċess;
23. Jitlob li tiġi żviluppata strateġija integrata fir-rigward tat-tixjeh attiv li bil-għan li tinvolvi lill-anzjani fattivitajiet soċjali u kulturali;
24. Jitlob li jittieħdu miżuri b'reazzjoni għaż-żieda sostanzjali fl-għadd tal-anzjani, sabiex jiġi żgurati li jkollhom aċċess ugwali għas-servizzi tal-welfare;
25. Jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-piż minn fuq dawġ li jieħdu ħsieb tal-anzjani jew tal-persuni b'diżabilitajiet u – biex jippermettu lil dawn il-persuni jsibu impjeg – jistabbilixxu sistemi tal-kura integrati;
26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Is-sitwazzjoni tax-Xmara Ġordan, b'mod partikolari tan-naħa t'isfel tax-Xmara Ġordan

P7\_TA(2010)0314

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2010 dwar is-sitwazzjoni tax-Xmara Ġordan b'attenzjoni speċjali għall-inħawi tal-medda ta' isfel tax-Xmara Ġordan

(2011/C 308 E/14)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Lvant Nofsani,
- wara li kkunsidra t-Trattat ta' Paċi tal-1994 bejn l-Istat tal-Iżrael u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Samit ta' Pariġi għall-Mediterran tat-13 ta' Lulju 2008,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interim tal-1995 bejn l-Iżrael u l-Palestina dwar il-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża (il-Ftehim Oslo II) u b'mod partikolari l-Artikoli 12 u 40 tal-Anness III tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1949,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni tal-Wirt Kulturali u Naturali Dinji ffirmata fis-16 ta' Novembru 1972,

**Il-Ħamis 9 ta' Settembru 2010**

- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni dwar is-Sitwazzjoni fil-Wied tal-Ġordan tal-Kumitat Ad Hoc dwar l-Enerġija, l-Ambjent u l-Ilma tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja (APEM), li ġiet adottata fis-Sitt Sessjoni Plenarja tal-APEM li saret f'Amman mit-12 sal-14 ta' Marzu 2010,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' proċedura tiegħu,
- A. billi x-Xmara Ġordan, b'mod partikolari l-medda ta' isfel tagħha, tirrappreżenta pajsaġġ kulturali ta' sinifikat universali b'importanza storika, simbolika, reliġjuża, ambjentali, agrikola u ekonomika kbira kemm għal-Lvant Nofsani u lil hinn minnu,
- B. billi x-Xmara Ġordan qed tinqered għal kollox minħabba sfruttament żejjed, tniġġis, ġestjoni ħażina u nuqqas ta' kooperazzjoni reġjonali; billi hu stmat li 98 % tar-riżorsi tal-ilma ħelu tax-Xmara ġew inkanalati xi mkien ieħor mill-Iżrael, mill-Ġordan u mis-Sirja, bir-riżultat li ntilef 50 % tal-bijodiversità,
- C. billi lejn l-aħħar tal-2011 huwa ppjanat li jibdew joperaw ċentri ġodda għat-trattament tal-ilma mormi maħsuba biex ineħħu l-likwidu ta' tniġġis li attwalment huwa preżenti fil-medda ta' isfel tax-Xmara Ġordan; billi, jekk ma jiġux żviluppatti prattiċi sodi u sostenibbli għall-ġestjoni tal-ilma u ma jkunux allokati riżorsi ta' ilma ħelu għall-medda ta' isfel tax-Xmara Ġordan biex jikkoinċidu mal-operat ta' dawn iċ-ċentri, huwa probabbli li sa tmiem l-2011 se jinxfu meded twal tax-Xmara,
- D. Billi r-riabilitazzjoni tax-Xmara Ġordan, u b'mod partikolari l-medda ta' isfel tagħha, hi ta' importanza kbira għall-komunitajiet lokali Iżraeljani, Ġordaniżi u Palestinjani li jaffaċċjaw l-istess sfidi tal-ilma, u toffri benefiċċji immensi għall-ekonomija u għall-bini tal-fiduċja; billi l-kooperazzjoni attiva bejn il-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-komunitajiet lokali kkonċernati tista' tagħti kontribut ewlieni għall-isforzi favur il-bini ta' paċi reġjonali,
- E. billi l-popolazzjoni Palestinjana fix-Xatt tal-Punent qiegħda tħabbat wiċċha ma' skarsezzi gravi tal-ilma; billi l-bdiewa Palestinjani huma affettwati b'mod gravi bin-nuqqas ta' ilma għall-irrigazzjoni, u dan minħabba li fil-biċċa l-kbira jintuża mill-Iżrael u mill-Iżraeljani li jgħixu fl-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent; billi d-disponibilità ta' riżorsi suffiċjenti tal-ilma hija essenzjali għall-vijabilità ta' Stat Palestinjan futur,
- F. billi l-finanzjament tal-UE qiegħed jikkontribwixxi għat-tentattivi biex jittaffew l-isfidi ambjentali li qed jiffaċċjaw l-inħawi tal-medda ta' isfel tax-Xmara Ġordan,
1. Jiġbed l-attenzjoni għad-devastazzjoni tax-Xmara Ġordan u partikolarment tal-medda ta' isfel tagħha u jesprimi t-tħassib tiegħu f'dan ir-rigward;
  2. Jistieden lill-awtoritajiet tal-pajjiżi li jinsabu fuq ix-xatt tax-xmara biex jikkooperaw u jirriabilitaw ix-Xmara Ġordan billi jfasslu u jimplementaw politiki li jiffokaw kemm fuq l-ilħiq ta' riżultati konkreti fl-oqsma relatati mal-ġestjoni tad-domanda domestika u agrikola għall-ilma, il-konservazzjoni tal-ilma u l-ġestjoni tad-drenaġġ u tal-iskart likwidu agrikolu u industrijali, kif ukoll fuq l-iżgurar ta' kwantità adegwata ta' flussi tal-ilma ħelu fil-medda ta' isfel tax-Xmara Ġordan;
  3. Jilqa' l-kooperazzjoni bejn il-komunitajiet lokali Iżraeljani, Ġordaniżi u Palestinjani li jaffaċċjaw sfidi tal-ilma simili fl-inħawi tal-medda ta' isfel tax-Xmara Ġordan; jistieden lill-Iżrael u lill-Ġordan biex jonoraw kompletament l-impenji li hađu fit-Trattat ta' Paċi bejniethom fir-rigward tar-riabilitazzjoni tax-Xmara Ġordan;
  4. Jilqa' l-inizjattiva tal-Ministeru Iżraeljan tal-Ambjent biex jtfassal pjan direttur għall-iżvilupp tal-pajsaġġ fl-inħawi tal-medda ta' isfel tax-Xmara Ġordan; iħeġġeġ lill-Gvern Ġordaniż u lill-Awtorità Palestinjana biex jieħdu inizjattivi analogi bil-għan li jadottaw pjanijiet direttur għar-riabilitazzjoni tat-taqsimiet tax-xmara li jgħaddu mit-territorji rispettivi tagħhom; jenfasizza l-importanza tal-aċċess għax-xmara għall-partijiet ikkonċernati kollha u jinnota li dawn il-pjanijiet diretturi jafu jsiru bażi għal pjan reġjonali komprensiv għar-riabilitazzjoni u l-ħarsien tal-inħawi tal-medda ta' isfel tax-Xmara Ġordan;

**Il-Ħamis 9 ta' Settembru 2010**

5. Jilqa' l-applikazzjoni ta' metodi u teknoloġiji avvanzati tal-ġestjoni tal-ilma fl-Iżrael, u jhegġegħ l-użu ġust ta' dawn il-metodi u t-trasferiment tat-teknoloġiji involuti lejn il-pajjiżi kollha tar-reġjun; jistieden lill-komunità internazzjonali, inkluża l-Unjoni Ewropea, biex tintensifika l-isforzi sabiex jingħata aktar sostenn finanzjarju u tekniku lill-proġetti kooperattivi f'dan il-qasam;
6. Jistieden lill-gvernijiet tal-Iżrael u tal-Ġordan u lill-Awtorità Palestinjana biex jaħdmu fi spirtu ta' kooperazzjoni bil-għan li jsalvaw il-medda ta' isfel tax-Xmara Ġordan u jħeġġiġhom jistabbilixxu, bl-appoġġ tal-Unjoni Ewropea, Kummissjoni għall-Baċir tax-Xmara Ġordan, li tkun miftuħa għal pajjiżi oħrajn li jinsabu fuq ix-xatt tax-xmara;
7. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE biex iħeġġu u jappoġġaw pjan komprensiv biex titranġa d-devastazzjoni tax-Xmara Ġordan u biex ikomplu jagħtu sostenn finanzjarju u tekniku għar-riabilitazzjoni tax-Xmara Ġordan, u b'mod partikolari l-medda ta' isfel tagħha, fl-ambitu wkoll tal-inizjattiva tal-Unjoni għall-Mediterran;
8. Jerġa' jenfasisza li l-kwistjoni tal-ġestjoni tal-ilma, b'mod partikolari d-distribuzzjoni ġusta tal-ilma skont il-bżonnijiet tal-popli kollha li jgħixu fir-reġjun, hija ta' importanza enormi għal paċi u stabilità dejjiema fil-Lvant Nofsani;
9. Huwa tal-fehma, fl-istess ħin, li għandha tiġi inkluża referenza ċara u speċifika għall-proċess ta' riabilitazzjoni ta' din iż-żona fil-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat imfassla mal-Iżrael, il-Ġordan u l-Awtorità Palestinjana; jirrakkomanda bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tnedi studju konġunt dwar ix-Xmara Ġordan;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kwartett għal-Lvant Nofsani, lill-Knesset u lill-Gvern Iżraeljan, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Ġordan, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Libanu, lill-President tal-Awtorità Nazzjonali Palestinjana, lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan u lill-Parlament u lill-Gvern tas-Sirja.

---

**Kenja: In-nuqqas ta' arrest tal-President tas-Sudan Omar al-Bashir**

P7\_TA(2010)0315

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2010 dwar il-Kenja: in-nuqqas li jiġi arrestat il-President Omar al-Bashir**

(2011/C 308 E/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-kriżi tad-Darfur fis-Sudan,
- wara li kkunsidra l-mandati ta' arrest tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) kontra l-President Sudaniż Omar al-Bashir għal reati kontra l-umanità u l-ġenoċidju,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 1593/2005 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli tal-UE tat-22 ta' Lulju 2010 u l-20 ta' Awwissu 2010 li jħeġġu liċ-Ċad u lill-Kenja, rispettivament, biex jikkooperaw mal-QKI,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru ICC-02/05-01/09 tal-Kamra Preliminari tal-QKI tas-27 ta' Awwissu 2010 biex tinforma lill-KSNU u lill-Assemblea tal-Istati Partijiet għall-Istatut ta' Ruma dwar il-preżenza ta' Omar al-Bashir fit-territorju tar-Repubblika tal-Kenja,